MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 725/2014

**VG Tiles Co. Ltd.**
**C 6957**

**Vs**

**Adrian Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Ottubru, 2014 fejn is-sojeta' attrici talbet is-socjeta' attrici qieghda titlob lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' mija u hamsa u sebghin ewro (€175) rapprezentanti import ta' cheque mahrug minnu li jgib in-numru 868, liema cheque baqa' ma giex onorat mill-bank. Kopja tac-cheque hawn annessa Dok A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 4 ta' Ottubru, 2014 u bl-imghax skond il-Ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fil-4 ta' Dicembru, 2014 fejn eccepixxa illi t-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Minghajr pregudizzju as suespost, illi c-cheque numru 868 hareg erronjament u bi zball minhabba li l-pagament kien ghadu mhux dovut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Inoltre huwa ghamel kontro talba fl-ammont ta' mitejn u hamsin ewro (€250). l-attur ipprezenta risposta ghal din il-kontro talba fejn eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni kif proposta fil-kontro talba hija guridikament impropnibbli stante illi l-azzjoni kif promossa hija dik fil-parametri tal-Artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma taghtix rimedju generali ghad-danni - that dan l-artikolu wiehed jista' jew jirrifjuta l-haga mibjugha u jitlob id-danni inkella jaccetta l-haga u jehodha bi prezz irhas. Fil-kaz odjern il-konvenut ma ghamel xejn minn dawn.
2. Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kontro talba tal-konvenut hija msejsa fuq premessi zbaljati u inveritjieri kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet imressqa fil-kontro talba huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
4. Illi fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa esagerat u mhux reali.
5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Xehed Victor Galea in rapprezentanza tas-socjeta' attrici. Spjega illi l-konvenut kien ordna travertin u kien ordnah bil-half round. Pero il-half round ma ghamluilux. Wara li x-xoghol twassal ghand il-konvenut dan waqqaf ic-cheque tal-hlas. Ix-xhud jghid illi hu kien lest illi jaqtalu l-half round basta johrog ic-cheque tal-hlas.

Il-konvenut jghid min-naha tieghu illi hu dam hafna jinsisti mas-socjeta' attrici biex tiehu lura t-travertin u taqta l-half round pero dan baqa ma sehhx sakem fl-ahhar il-konvenut kellu jaghmel dan ix-xoghol ghand haddiehor.

It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma illi s-socjeta' attrici ma tistax titlob ghal xoghol li ma lestitx u li l-konvenut kellu jhallas biex ilesti.

Min-aha l-ohra t-Tribunal ma jistax jordna lis-socjeta' attrici thallas l-ammont mitlub fil-kontro talba peress illi l-konvenut ma kienx hallas tax-xoghol kollu lis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jichad it-talba u jichad ukoll il-kontro talba tal-konvenut.

Spejjez tal-kawza jithallsu billi kull parti thallas taghha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------